Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VII/16*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 16 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Seba' Terminu), li nżammet nhar il-Ħamis 03 ta' April, 2014 fis-7.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku l-Av. Daniel Attard.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sinjura Alexandra Maria Mifsud | Kunsilliera |

Preżenti kien hawn ukoll l-Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ is-Sur Mario Mizzi.

## 1. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti 7-15

Inqraw il-Minuti tal-Laqgħat preċedenti, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. Mill-Minuti 7-015

3.01 **Paragrafu 7.11 –** Is-Sindku informa lill-Kunsill li fl-stess inħawi ta' Sqaq il-Qattus, John Mercieca talab biex isir ftit konkos biex jiġi livellat parti oħra tal-istess sqaq. Is-Sindku qal li John Mercieca se jagħmel ix-xogħol meħtieġ huwa stess u għalhekk il-Kunsill joħroġ biss il-materjal. Il-Kunsill qabel li għandu jsir dan ix-xogħol.

3.02 **Paragrafu 7.14** – Is-Sindku informa lill-Kunsill li Josephine Azzopardi ta' Triq il-Fanal talbet biex issir il-bankina mill-ġdid u mhux isir ftit siment taħt il-bankina kif kien diskuss u approvat fl-aħħar laqgħa. Is-Sindku qal li kien talab stima tax-xogħol li jrid isir minn għand Anthony Mintoff liema stima hija ta' €500. Din l-istima tinkludi ix-xogħol kollu li jrid isir iżda l-materjal irid jinxtara mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandha issir din il-bankina. Dwar il-madum tal-istess bankina s-Sindku ippropona li naraw x'madum hemm li jkun adattat għal bankini u ma jkunx jiżloq. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jikkordina biex jinxtara l-madum u isir ix-xogħol meħtieġ.

## 4. Financial Statements 2013 - Audited

Il-Kunsill iddiskuta l-Financial Statements 2013 kif aġġustati mill-Awditur. Fil-fatt saru żewġ aġġustamenti mill-Awditur li l-Kunsill qabel magħhom. Il-Financial Statements 2013 ġew approvati unanimament.

## 5. Attivitajiet matul il-jiem tal-Festa

Il-Kunsill iddiskuta l-attivitajiet li għandhom jiġu organizzati matul il-jiem tal-Festa. Kif sar fis-snin preċedenti l-Kunsill qabel li għandna norganizzaw il-logħob għal kull eta u anke t-tiġrijiet taż-żwiemel. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandhom jibdew isiru l-preparamenti sabiex dawn l-attivitajiet ikunu jistgħu isiru.

## 6. Offerta Nru 2014-01 - 'Rendering of Services'

*F'dan il-ħin il-Viċi Sindku iddikjara li għandu interess pekunjarju u għalhekk ma ħax sehem f'din id-diskussjoni dwar l-offerta 'Rendering of Services'.*

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Bord maħtur biex jevalwa din l-offerta kien iltaqa' u għadda r-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill. Il-Bord ta' Evalwazzjoni irrakkomanda li l-ebda offerta ma' għandha tiġi aċċettata u għalhekk tinħareġ sejħa mill-ġdid. Il-Bord ġibed l-attenzjoni li l-Bill of Quantities fid-dokument tal-offerta għandha tkun aktar speċifika u ma titħalliex miftuħa kif kienet peress li tkun diffiċli għall-bord biex jasal għad-deċiżjoni. Il-Bord qal li ma setax jikkompara bejn rati ta' kuntrattur u ieħor għar-raġuni li l-ispeċifikazzjonijiet tal-makkinarju kienu differenti. Barra minn hekk l-offerta mitfugħha minn Paul Caruana ma kienx fiha garanzija bankarja u għalhekk din l-offerta m'hijiex valida. Iż-żewg offerti l-oħra mitfugħa huma ta' Lorry Attard u Anthony Mintoff. Dawn iż-żewġ kuntratturi għamlu lista ta' makkinarju bir-rati għal kull makkinarju li għandhom huma. Il-Bord ta' Evalwazzjoni spjega li l-makkinarju li ikkwotaw iż-żewġ kuntratturi huma differenti minn ta' xulxin u għalhekk ma setax jagħżel liema huma l-aktar rati vantaġġjużi.

Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' Evalwazzjoni u għalhekk ebda offerta mhu se tiġi aċċettata. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu lill-Perit John Saliba sabiex jagħmel mill-ġdid il-bill of quantities li tkun speċifikament skond il-bżonnijiet tal-Kunsill u tinħareġ sejħa mill-ġdid għall-offerti.

## 7. Korrispondenza

7.01 Memo 08/2014 – Protokoll tal-Bnadar fil-Festi Nazzjonali.

7.02 Memo 09/2014 – Applowdjar ta' Dokumenti fuq is-Sit www.lc.gov.mt.

7.03 Memo 10/2014 – Ħruġ ta' Sejħiet għall-Offerti - Ċirkularijiet.

7.04 Memo 11/2014 – Migrazzjoni għall-Akkwist Elettroniku (Electronic Procurement)

## 8. Ħlas ta' Kontijiet

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-16 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**9. Materja oħra**

9.01 Claire Saliba ta' Triq Ta' Għammar talbet sabiex titranġa l-bankina tagħha. Il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol meħtieġ mill-ħaddiema tal-Kunsill.

9.02 Joe Saliba ta' Triq il-Fanal talab biex isir ftit siment taħt il-bankina tiegħu biex ma jkomplix jitla' ħaxix ħażin. Il-Kunsill qabel li l-ħaddiema tal-Kunsill jagħmlu x-xogħol meħtieġ .

9.03 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li sakemm jingħata l-kuntratt dwar servizzi għandu jkun hemm kuntrattur jew kuntratturi li inkunu nistgħu nordnaw xogħolijiet ta' emerġenza għandhom. Is-Segretarju Eżekuttiv semma kif din il-ġimgħa stess waqgħu żewġ kaptelli fi Triq it-Tamar u kien hemm periklu kbir għall-vetturi li jgħaddu minn din it-triq. Għalhekk kellu isir xogħol ta' emerġenza mill-ħaddiema tal-Kunsill iżda kien hemm bżonn servizz ta' trakk biex jinġarr xi terrapien u anke biex inġibu l-kaptelli l-ġodda. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li f'dan il-każ wara li ikkordina mas-Sindku ġie ikkuntattjat il-kuntrattur Anthony Mintoff. Il-Kunsill qabel li meta jinqalgħu xogħlijiet ta' emerġenza għandna inqabdu lil dan il-kuntrattur.

9.04 Il-Kunsillier Joseph Farrugia qal li fl-egħlieqi taħt Triq il-Fanal fl-inħawi fejn hemm il-Bring in Sites hemm l-ilma ħiereġ li jista' jkun tad-drenaġġ. Il-Kunsill qabel li għandna nirraportaw dan il-każ lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

9.05 Is-Sindku ippropona sabiex fejn ingħata l-konkos fi Triq il-Knisja jeħel bank jew tnejn. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar il-Ġimgħa 09 ta' Mejju, 2014 fis-7.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-8.00p.m.

Av. Daniel Attard
Sindku

Ruben Cassar
Segretarju Eżekuttiv